# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

JANNAR 2020 – Ħarġa Nru: 177



*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## GĦOXRIN SENA ILU

Dawk li qabżu ftit sew l-għoxrin sena, jiftakru tajjeb kemm lejn tmiem is-sena 1999 kien inħoloq "hype" biex nilqgħu l-millennju l-ġdid – bis-sena 2000! Kienu ppjanati diversi attivitajiet mad-dinja kollha, fil-pjazez, ristoranti u kull fejn setgħu jinġabru n-nies. Kien mument ta' ċelebrazzjonijiet li min kien se jieħu sehem fihom ġie mwiegħed li ma se jinsihom qatt! Kulħadd kien jittama li s-seklu jew il-millennju l-ġdid kienu se jġibu aktar prosperità u paċi għall-umanità.

Il-Knisja Kattolika wkoll, kienet iddikkjarat Sena Mqaddsa biex tfakkar il-Ġublew il-Kbir tat-twelid tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, elfejn sena qabel. Matul din is-sena, l-istess, fil-Knisja kienu saru ħafna ċelebrazzjonijiet biex ifakkru din il-ġrajja unika tat-twelid tas-Salvatur! Il-logo magħżul kien: *Kristu l-bieraħ, illum u dejjem*, meħud mill-Ittra lil-Lhud.

**Miri li ma ntlaħħqux**

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, hekk kif intemm il-Ġublew, ħareġ Ittra Appostolika twila msejjħa "Novo Millenio Ineunte" – Fil-Bidu ta' Millenju Gdid, fejn fost l-oħrajn, f'nru 51 semma tlett punti li ħass li qed jgħeddu l-istess eżistenza tal-umanità:

1. *Il-kriżi ekoloġika* li minħabba fiha partijiet kbar tad-dinja qed isiru inabitabbli u anke ostili għall-umanità;
2. *Il-problemi għall-paċi*, ħafna drabi mhedda minħabba l-ispettru ta' gwerer katastrofiċi;
3. *In-nuqqas ta' ħarsien* tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' tant nies speċjalment, it-tfal.

Jidhirli li dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II, għoxrin sena ilu għadhom validi sal-lum u ma tantx jidher li mxejna fihom!

**Progress u tbatija**

Irridu nammettu li sar ħafna progress f'diversi oqsma bħal: l-ekonomija, l-edukazzjoni, il-mediċina, it-teknoloġija, l-ambjent diġitali u tant oħrajn, imma f'dawn it-tlett aspetti li jsemmi l-Papa, mhux talli ma morniex 'il quddiem, imma pjuttost morna lura!

It-tbdil fil-klima bid-diżastri naturali kbar li qed iġġib magħha; il-gwerer f'ħafna nħawi tad-dinja u, aktar qribna, l-attakki terroristiċi f'xi pajjiżi ewropej; id-differenza kbira li għada teżisti bejn dawk li għandhom il-ġid u dawk li m'għandhomx... qed iġibu diżugwaljanza u tbatija bla qjies.

Il-fenomenu tal-immigrazzjoni fi żmienna, huwa frott ta' dawn il-punti msemmijin mill-Papa fil-bidu ta' millennju ġdid.

Dan juri li minkejja 'l ħafna xewqat sbieħ u tamiet ta' għoxrin sena ilu, għadna ma wasalniex fejn kulħadd xtaq, u allura għadna 'l bogħod milli nilħqu l-miri tagħna!

**X'għandi nagħmel jien?**

Ejjew, aħna li qed nibdew sena ġdida kif ukoll deċennju ġdid, naraw x'nistgħu nagħmlu personalment kif ukoll fuq livell ta' familja u anke komunità biex inħarsu din il-pjaneta li fiha qed ngħixu; kif intejbu r-relazzjonijiet ta' bejnietna biex nevitaw ġlied u tilwim bla bżonn kif ukoll, billi naħdmu għal soċjetà aktar ġusta.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-istess Ittra Appostolika stqarr: "Bla qjies huma l-emerġenzi li l-qalb ta' kull nisrani għandha tkun sensittiva għalihom". Ejjew, għalhekk, naraw fejn hemm bżonn immiddu jdejna ħa ntejbu l-ħajja tal-oħrajn!

Marija Omm Alla, li l-ewwel jum ta' kull sena ġdida huwa ddedikat lilek, għinna biex l-aspirazzjonijiet tagħna għal din is-sena ma jiġrilhomx bħal dawk li kellha d-dinja, għoxrin sena ilu!

***Dun Evan***

# 404

Erba' snin ilu ċċelebrajna l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna, fl-10 ta' Jannar 1616. Għamilna diversi attivitajiet biex fakkarna din il-ġrajja sabiħa u unika, tant li bqajna nfakkruha kull sena. U hekk se nagħmlu din is-sena wkoll!

Kull komunità għandha l-istorja tagħha. U aktar ma tkun antika, aktar ikollha storja rikka. Hekk nistgħu ngħidu għall-parroċċa tagħna li għandha għeruqha mxettlin fl-istorja. Meta nħarsu lura, napprezzaw kemm missirijietna ħabirku biex għexu l-fidi tagħhom, ħafna drabi f'kundizzjonijiet mhux dejjem favorevoli għalihom minħabba gwerer, nuqqas ta' mezzi, taqlib politiku, nuqqas ta' opportunitajiet u tant diffikultajiet oħra.



**Twaqqif ta' strutturi**

Huma waqqfu għaqdiet li permezz tagħhom ħadu l-formazzjoni umana u nisranija; għaqdiet assistenzjali li għenu lil min tassew kien qed jiffaċċja t-toqol tal-ħajja bħall-mard, mewt għall-għarrieda, nuqqas ta' xogħol fi żmien meta l-għajnuna soċjali ma kienetx teżisti jew kienet baxxa. Ħadu ħsieb jibnu t-tempju tagħna u jarmawh; bnew kappelli u ċentri oħra meta l-komunità bdiet tikber u testendi ruħha sat-trufijiet tar-raħal. Ħadu ħsieb ukoll id-divertiment san tal-membri tal-komunità bis-swali għall-wiri ta' films u attivitajiet soċjali oħra.

Il-kappillan kellu rwol importanti għax kien jassumi wkoll ir-rwol ta' sindku. Hu kien il-mexxej istitwit u rikonoxxut mhux biss tal-parroċċa imma anke tar-raħal jew belt. Meta r-Re' Ġorg V tal-Ingilterra kien żar Malta wara l-gwerra, fi żjara li kien għamel ġewwa l-Isla, kien l-Arċipriet Brincat (li kien kappillan ta' Ħaż-Żabbar bejn 1935–40), li

dawru mat-tiġrif tal-belt għax ma kien hemm ebda awtorità ċivili fil-belt dak iż-żmien!

Minn dan naraw, kemm il-ħajja tal-poplu kienet iddur madwar il-komunità nisranija jew il-parroċċa – mill-bidu sat-tmiem.

**Rwol differenti**

Illum, ħafna minn dan inbidel u l-parroċċa m'għadiex tieħu ħsieb kull aspett tal-ħajja ta' dawk li jgħammru fiha. Imma b'daqshekk ma jfissirx li l-komunità nisranija m'għadhiex rilevanti.

Il-parroċċa, jew il-komunità nisranija, illum għandha rwol xi ftit differenti minn dak ta' qabel. Dan nistgħu naqsmuh fuq tlett livelli:

**1. Il-formazzjoni**: importanti li kull kategorija tkun qed tieħu l-formazzjoni umana u nisranija meħtieġa: it-tfal, l-adolexxenti, l-għarajjes, il-miżżewġin, ir-romol, il-lajċi impenjati...
**2. Il-Liturġija**: importanti li dawk li qed jiġu għall-Ewkaristija tal-Ħadd – u dan ifisser li qed jiżdiedu dawk li tassew huma konvinti li jattendu għaliha – issir kemm jista' jkun b'mod li tagħmel sens għal ħajjithom imma wkoll kif tixtieqha l-Knisja...
**3. Id-Djakonija**: importanti li tkun komunita' li tilqa' lil min irid jersaq lejha; lil min jeħtieġ l-għajnuna tagħha, speċjalment waqt il-mumenti iebsin u vulnerabbli...

Dan kollu juri li l-komunità nisranija hi tassew bżonnjuża fi żmienna meta, minkejja l-ħafna progress li sar f'diversi oqsma, it-tbatija żdiedet u mhux naqset. Biex tkun komunità rilevanti, trid tistudja l-bżonnijiet tan-nies u taħdem biex tissoddisfahom.

Jalla aktar Kattoliċi minn fostna jħossu l-bżonn li jxammru l-kmiem biex jixhdu għal Mulej Ġesù b'għemilhom, u jaħdmu ħalli s-Saltna tiegħu tkompli tinfirex fostna. Jekk dan iseħħ, l-anniversarju li jmiss din is-sena, ikun wieħed li jqanqal aktar qlub biex iħarsu l-fidi li rċevejna m'għand ta' qabilna u fl-istess ħin, inwassluha lil oħrajn.

---

## L-ARĊISQOF ERBA' SNIN ILU...

"...tinsewx li l-parroċċa hija omm li wellditkom għall-ħajja tal-Grazzja. Dak il-fonti – illum tużaw fonti ieħor – li għalih tħabtu missirijietkom, huwa l-vokazzjoni tagħkom li twelldu fi Kristu nsara oħra ġodda. Min jaf kemm irjus inħaslu f'dak il-fonti u saru nsara, ulied adottivi t'Alla, imsejħa għall-qdusija tal-ħajja u għal destin sabiħ li ma jintemm qatt".

*Mid-diskors tal-Arċisqof Scicluna waqt il-Quddiesa Pontifikali fis-santwarju, fl-10 ta' Jannar 2016.*



## NILTAQGĦU NHAR ... JANNAR 2020

**Erbgħa 1:** **Solennità ta' Marija Omm Alla** – festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd. Fl-10.15am quddiesa kantata bl-omelija.
**Ħamis 2:** San Bażilju l-Kbir u San Girgor Nażjanżenu, isqfijiet u dutturi tal-Knisja – Tifkira O
**Ġimgħa 3**: *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Fis-6.00pm quddiesa għall-abbatini tas-santwarju u l-ġenituri tagħhom u wara attività soċjali.
**Sibt 4**: Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.
**Ħadd 5:** **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**. Jitħabbru l-festi ewlenin ta' matul is-sena. Fil-5.30pm Konċelebrazzjoni Solenni u wara qima lix-xbiha ta' Ġesù Bambin.
**Ġimgħa 10:** **JUM IL-PARROĊĊA.** L-404 mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Fil-5.30pm marċ mill-banda tal-iscouts mill-kwartieri tagħhom tas-santwarju. Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni li fiha **l-lajċi impenjati** jġeddu l-wegħda tagħhom ta' ħidma fil-komunità. Xieraq li jittellgħu l-bnadar fuq il-bjut.
**Ħadd 12:** **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**
**Ġimgħa 17:** San Anton Abbati – Tifkira O
**Sibt 18:** *Bidu tal-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda bejn il-Knejjes Insara*. Fis-6.15pm quddiesa bir-Rit Biżantin immexxija mill-Papas Martin Zammit.
**Ħadd 19:** **It-Tieni Ħadd ta' matul is-sena**
**Tlieta 21**: Sant'Anjeże, verġni u martri – Tifkira O
**Erbgħa 22**: San Publiju, Prinċep ta' Malta – Tifkira O
**Ġimgħa 24**: San Franġisk ta' Sales, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Sibt 25**: *Il-Konverżjoni ta' Missierna San Pawl* – Festa
**Ħadd 26:** **It-Tielet Ħadd ta' matul is-sena**. Fl-10.00am jibda l-ewwel **seminar** għall-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina din is-sena.
**Tlieta 28**: San Tumas d'Aquino, saċerdot –Tifkira O
**Ġimgħa 31**: San Ġwann Bosco – presbiteru – Tifkira O

# DATI IMPORTANTI MATUL L-2020

L-Epifanija tal-Mulej ........ 5 ta' Jannar
Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa ........ 10 ta' Jannar
Bidu tar-Randan Imqaddes ........ 26 ta' Frar
Ħadd in-Nies ........ 1 ta' Marzu
Ħadd il-Palm ........ 5 ta' April
Il-Ġimgħa l-Kbira ........ 10 ta' April
Ħadd il-Għid ........ 12 ta' April
Pentekoste ........ 30 ta' Mejju
L-Ewwel Tqarbina ........ 6 u 7 ta' Ġunju
Corpus Domini ........ 14 ta' Ġunju
Qalb ta' Ġesù ........ 19 ta' Ġunju
L-Ewwel Sibt tal-Grazzja ........ 4 ta' Lulju
Ħruġ min-Niċċa ........ 3 ta' Settembru
Festa Titulari ........ 13 ta' Settembru
Madonna tar-Rużarju ........ 4 ta' Ottubru
Anniv. Konsagrazzjoni tal-Knisja ........ 25 ta' Ottubru
Griżma tal-Isqof ........ 21 u 22 (am) ta' Novembru
L-Ewwel Ħadd tal-Avvent ........ 29 ta' Novembru

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Maria Gusman (87), Francis Catania (68), Sylvia Zammit (51), Mario Fenech (30), Rita Abdilla (91), Concetta Farrugia (64), Emanuel Micallef (74), Salvina Briffa (67), Mary Anne Grech (80), Concetta Axiak (74), Rosanna Magro (81), Godfrey Attard (72), Lorenza De Felice (84), Maruska Bonnici (42), Anthony Spagnol (74).